MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta ta' l-4 ta' Marzu, 2005

Talba Numru. 1491/2004

**GasanMamo Insurance Limited (C.reg.No.C3143) hekk kif surrogata fid-drittijiet tal-assikurat Emanuel Bonnici (ID:150762M) sija bil-polza u sija bil-ligi u l-istess Emanuel Bonnici**

**vs**

**Josephine Bonello (ID:111563M)**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Lulju, 2004 fejn intqal:**
**Illi l-atturi qed jitolbu lit-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta' hames mija u disgha Liri u tnejn u sittin centezmu (Lm509.62) rapprezentanti danni kagunati f'incident awtomobilistiku tal-14 ta' Mejju, 2003, fi Triq is-Salib, Naxxar, bejn il-vettura bin-numru JAE 769 misjuqa**

**mill-konvenuta, u l-vettura numru LAU 306 misjuqa minn Maria Rosaria Bonnici u propjeta' ta' l-assikurat tas-socjeta' attrici, liema vettura kienet assikurata taht polza *'comprehensive'* mas-socjeta' attrici u li ghaldaqstant ghamlet tajjeb ghad-danni kkagunati fuq il-vettura ta' l-assikurat taghha, liema incident sehh unikament tort tal-konvenuta minhabba traskuragni, imperizja u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha.**
**Interpellat sabiex thallas permezz ta' ittra ufficjali datata 26 ta' Mejju, 2004, il-konvenuta baqghet inadempjenti.**
**L-ammont mitlub jinkludi hamsa u sebghin Lira (Lm75.00) 'Excess' imhallsa mill-assikurat tas-socjeta' attrici, Emanuel Bonnici, li kien assikurat taht polza *'comprehensive'* mas-socjeta' attrici.**
**Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tas-26 ta' Mejju, 2004, u ta' l-ittra ufficjali pprezentata kontestwalment ma' dan l-Avviz, u bl-imghax pagabbhi mis-26 ta' Mejju, 2004, sal gurnata l-hlas effettiv, kontra l-konvenuta ngunta ghas-subizzjoni.**
**Ra r-risposta tal-konvenuta prezentata fit-3 ta' Settembru, 2004, fejn inqtal illi t-talbiet ta' l-atturi kif diretti kontra l-eccippjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom billi l-incident in kwistjoni ma sarx b'tort tal-eccipjenti, pero' b'tort ta' Maria- Rosaria Bonnici, sewwieqa tal-vettura LAU 306 ,u dana minhabba negligenza, traskuragni u nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-istess Maria-Rosaria Bonnici, u dana kif jigi pruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.**
**Salvi eccezzjonijiet ohra.**

**Semgha x-xhieda ta' PS 97 Silvio Bonello, Mary Rose Bonnici, Josephine Bonello. Ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz. Semgha lid-difensuri tal-partijiet jittrattaw il-kaz.**

**Ikkunsidra:**
**1. Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li sehhet fl-14 ta' Mejju, 2003 fi Triq is-Salib, Naxxar bejn il-vettura LAU 306**

**misjuqa Maria Rosaria Bonnici, u l-vettura JAE 769 misjuqa mill-konvenuta.**

**2. Jigi rilevat illi t-triq fejn sehh l-incident hija triq dejqa ghalkemm hija dual carriage way. F'dan il-kuntest it-Tribunal jinnota illi l-isketch esebit Dok B ma huwiex to scale pero' jindika illi t-triq fiha wisgha ta' 7.5metri.**

**3. Jirrizulta illi z-zewg vetturi kienu mexjin fl-imsemmija triq fl-istess direzzjoni, ossija fid-direzzjoni tal-liwja ghal New Street. Jirrizulta wkoll illi minn Triq is-Salib mid-direzzjoni opposta ghal liema kienu sejrin huma kien niezel vann abjad.**

**4. Mix-xhieda jirrizulta illi meta Maria Rosaria Bonnici rat il-vann abjad niezel resqet ghal genb f'dik il-parti fejn hemm dahla zghira b'garage kif indikat fir-ritratti Dok JB 1 u JB 2 u naqset fil-velocita'. Bonnici riedet iddur ghal go New Street. Skond hi f'ebda mument ma waqfet u l-konvenuta bdiet tissorpassa u f'dak il-mument sar l-impatt.**

**5. Il-konvenuta tistqarr illi l-ewwel darba li rat il-vettura ta' l-attrici kien kwazi x'hin habtu. Skond ma tghid il-konvenuta l-vettura ta' l-attrici ma kienetx miexja, "kienet kwazi pparkjata u mxiet biex taqla". Il-konvenuta kienet ukoll konxja li kien niezel vann mill-faccata.**

**6. Jirrizulta illi l-hsara li garrbet l-attrici kien fuq ix-xewka tal-lemin ta' quddiem, filwaqt illi l-konvenuta kellha l-hsara fuq il-mudguard fuq in-naha ta' quddiem tax-xellug.**

**7. Tenut kont ta' dak illi ntqal ma jirrizultax illi l-attrici ghamlet xi manuvra azzardata. Pero' jirrizulta illi l-konvenuta kienet qieghda taghmel manuvra ta' sorpass fi triq dejqa meta kienet taf li gej van mill-faccata, u meta jidher illi kellha biss impressjoni dwar li l-vettura ta' l-attrici kienet wieqfa. Huwa verosimili illi l-konvenuta, meta rat il-vann gej kisret ghal biex tidhol fi New Street, filwaqt illi l-attrici kienet ghadha miexja. It-Tribunal huwa tal-fehma illi kienet il-manuvra ta' sorpass, manuvra mprudenti fic-cirkostanzi, li kienet il-kawza prossima tal-kollizzjoni. Konsegwentement ghandha tigi ritenuta responsabbli ghall-incident il-konvenuta.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal filwaqt li jsib lill-konvenuta unikament responsabbli ghall-incident imsemmi, jikkundannha lill-konvenuta thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija erba’ u tletin lira u tnejn u sittin centezmu (Lm434.62), u lill-attur Emanuel Bonnici s-somma ta’ hamsa u sebghin lira (Lm75.00), ilkoll bl-imghaxijiet legali dekorribbli mis-26 ta’ Mejju, 2004 sad-data tal-hlas effettiv.**

**L-ispejjez ta’ dina l-istanza, inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-26 ta’ Mejju, 2004 u ta’ l-ittra ufficjali prezentata kontestwalment ma’ l-avviz**
**ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------